

32007R0306

L 81/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.3.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 306/2007**tal-21 ta' Marzu 2007**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1539/2006 li jadotta pjan ta' konċessjoni lill-Istati Membri ta' riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2007 għall-provvista ta' l-ikel mill-ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-provvista ta' l-ikel minn stokkijiet ta' l-intervent lill-organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità¹, u partikolarmen l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/02 tad-29 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-provvista ta' l-ikel minn ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju ta' persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità², il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1539/2006³ adottat pjan għall-allokazzjoni ta' riżorsi lill-Istati Membri, li għandhom jitħallsu mill-baġit għall-2007, għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' l-ikel lill-persuni l-aktar fl-bżonn fil-Komunità. B'mod partikolari l-pjan għandu jistabbilixxi, għal kull Stat Membru li japplika l-azzjoni, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq l-parti tiegħu tal-pjan, kif ukoll l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tittieħed mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent.
- (2) Jeħtieġ li dan il-pjan jiġi adottat sabiex jippermetti lir-Rumanija tipparteċipa f'din l-azzjoni Komunitarja fl-2007. Din l-adozzjoni, minn naħa, għandha tikkonċerna, fdak li jirrigwarda lir-Rumanija, l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji kif ukoll tal-prodotti li

¹ ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, 31.10.1995, p. 3).

² ĠU L 313, 30.10.1992, p. 50. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 209/2007 (ĠU L 61, 28.2.2007, p. 21).

³ ĠU L 283, 30.10.1992, p. 14.

għandhom jittieħdu mill-ħażna ta' l-intervent, u min-naħħa l-oħra, l-awtorizazzjoni fil-qafas tal-kundizzjonijiet stabbiliti bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, tat-trasferimenti intrakomunitarji biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-pjan emendat.

- (3) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1539/2006 jiġi emendat.
- (4) Jeħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2007, id-data li fiha r-Rumanija u l-Bulgarija saru membri ta' l-Unjoni Ewropea.
- (5) Il-miżuri stabbiliti b'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjonijiet tal-Kumitati ta' Ġestjoni kollha kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u III tar-Regolament (KE) Nru 1539/2006 huma emendati skond l-Anness għal-dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-publikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007. Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u għall-
Iżvilupp Rurali*

ANNESS

Ir-Regolament (KE) Nru 1539/2006 huwa emendat kif ġej:

1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) It-tabella fpunt (a) għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) l-linja segwenti għandha tidħol wara l-linja li tirreferi għall-Portugall:

România	16 649 889
---------	------------

(ii) l-aħħar linja hija sostitwita bil-linja segwenti:

Total	275 563 163
-------	-------------

(b) It-tabella fpunt (b) għandha tiġi emendata kif ġej:

i) l-linja segwenti għandha tidħol wara l-linja li tirreferi għall-Portugall:

România	100 000			11 327
---------	---------	--	--	--------

(ii) l-aħħar linja hija sostitwita bil-linja segwenti:

Total	670 306	61 541	30 026	44 551
-------	---------	--------	--------	--------

2) Fl-Anness III, it-tabella hija sostitwita bit-tabella segwenti:

"

Trasferimenti intrakomunitarji awtorizzati fil-qafas tal-pjan għall-baġit ta' l-2007

	Il-prodott	Il-kwantità (f'tunnellati)	L-entità intitolata	Id-Destinatarju
1.	Qamħ komuni	2.207	MMM, Suomi/Finland	Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet, Eesti
2.	Qamħ komuni	11.760	BLE, Deutschland	OPEKEPE, Elláda
3.	Qamħ komuni	110.000	ONIGC, France	FEGA, España
4.	Qamħ komuni	103.429	BLE, Deutschland	AGEA, Italia
5.	Qamħ komuni	19.036	AMA, Österreich	AGEA, Italia

6.	Qamħ komuni	5.637	MMM, Suomi/Finland	Agricultural and Food Products Market Regulation Agency, Lietuva
7.	Qamħ komuni	1.550	ONIGC, France	National Research and Development Centre, Malta
8.	Qamħ komuni	20.000	ONIGC, France	INGA, Portugal
9.	Qamħ komuni	100 000	MVH, Magyarország	Xxx, România
10.	Qamħ komuni u ċereali oħra	2.610	MVH, Magyarország	AAMRD, Slovenija
11.	Ross	23.641	OPEKEPE, Elláda	ONIGC, Franza
12.	Ross	20.000	OPEKEPE, Elláda	Ente Risi, Italia
13.	Ross	14.000	OPEKEPE, Elláda	INGA, Portugal
14.	Butir	3.511	Department of Agriculture and Food, Ireland	Office de l'Elevage, France
15.	Zokkor	3.338	FEWA, España	ONIGC, Franza
16.	Zokkor	2.760	ARR, Polska	Agricultural and Food Products Market Regulation Agency, Lietuva
17:	Zokkor	1.469	FEWA, España	INGA, Portugal
18.	Zokkor	11 327	MVH, Magyarország	Xxx, România
19.	Zokkor	500	ARR, Polska	MMM, Suomi/Finlandja
				"